Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 176/2014AE

**Jason Calleja**

**Vs**

**Emanuel Sammut, Victoria Sammut u Daniela Calleja**

Il-Gimgha, 17 ta' Gunju, 2016.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-24 ta' Frar 2014, l-attur ippremetta u talab:-

*Illi l-attur huwa mizzewweg lill-intimata Daniela Calleja nee' Sammut li tigi bint l-intimati;*

*Illi l-attur u martu llum il-gurnata ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u fil-passat kellhom wkoll problemi matrimonjali;*

*Illi f'wahda mill-litigi li kellhom li konjugi Calleja, l-attur spicca aggredit, imminaccat u segwit kontinwament mill-intimat Emanuel Sammut u l-uniku mod li kien ser jithalla jidhol u jghix god-dar matrimonjali kien billi l-attur jiffirma dina l-iskrittura;*

*Illi dina l-iskrittura saret quddiem in-Nutar Marco Burlo' nhar it-22 ta' Marzu 2006 [Dok. A];*

*Illi barra minn hekk, l-attur kien gie mgieghel jaghti ipoteka specjali fuq il-propjeta' u cioe' d-dar matrimonjali Flat A, minghajr numru ufficjali "Lily of Valley" maghruf ukoll bhala "Cangun Flats" fi Triq il-Wied, Mellieha minghajr il-kunsens a priori tal-Bank of Valletta plc;*

*Illi dina l-iskrittura giet iffirmata minn martu bhala debitrici tal-intimati pero' l-intimati qatt ma ghadha s-self 'brevi manu' indikat fir-raba' paragrafu tal-istess skrittura;*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1.*Tiddikjara l-iskrittura ppublikata quddiem in-Nutar Dr. Marco Burlo nhar it-22 ta' Marzu 2006 hija nulla u bla effett stante l-kunsens tal-attur ghall-iffirmar ta' dina l-iskrittura gie ottenut b'qerq, theddid u vjolenza ai termini ta' Artikolu 974 et. seq. tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta].*

Permezz ta' twegiba prezentata fit-13 ta' Marzu, 2014, il-konvenuti wiegbu:-

1.*Illi l-azzjoni kif postulata hija nulla u dana minhabba diversi ragunijiet fosthom is-segwenti:*

*a.Illi l-att li ghalih tirreferi c-citazzjoni ma huwiex 'skrittura' kif erronjament indikat mill-attur izda hawn si tratta ta' att pubbliku li huwa insinwat. Illi ghalhekk isegwi mhux li anke jekk f'pessima ipotesi jirrizulta li l-kunsens ta' l-attur kien karpit b'qerq, theddid u vjolenza, allura kellha ssir talba sabiex jigi nominat Nutar Pubbliku biex jippublika l-att relattiv ta' rixezzjoni u l-konsegwenzjali kancellament tal-ipoteki specjali registrati bis-sahha tal-kuntratt in kwistjoni. Illi talba f'dan is-sens ma saritx u ghalhekk isegwi li l-kawza hija nulla 'l ghaliex potenzjalment jista' jkun hemm ezitu akkademiku u mhux ezegwibbli.*

*b.Illi fuq l-istess linea, l-kawza tista' tkun wahda akkademika u mhux ezegwibbli, ergo nulla, peress li mhux biss ma saritx talba biex jigi nominat Nutar Pubbliku biex jippublika l-atti relattivi skond is-*

*sentenza finali tal-Qorti, izda anqas ma saret talba sabiex jigu nominati kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci fuq il-pubblikazzjoni ta' xi att pubbliku jekk ikun il-kaz.*

*c.Illi fil-kawzali mkien ma gie indikat li l-kunsens moghti mill-attur fil-kuntratt datat 22 ta' Marzu, 2006, in atti Nutar Dr. Marco Burlo, kien vvizjat ai termini tal-ligi.*

*d.Illi l-konjugi Calleja ghadhom sal-lum u cioe' mal-presentata tar-rikors guramentat mizzewga. Isegwi kwidni li t-talba tolqot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti tal-istess konjugi. Illi ghalhekk anke fuq dana l-punt, l-kawza kellha se mai ssir bil-konjugi Calleja, it-tnejn li huma atturi/rikorrenti sabiex jissalvagwardjaw l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti taghhom u mhux kif ghamel l-attur u cioe' inkluda lil Daniela Calleja bhala intimata mal-genituri taghha.*

*2.Illi fil-mertu, u bla pregudizzju, t-talbiet ukoll ghandhom jigu michuda stante li mhux minnu li l-kunsens tal-attur/rikorrenti moghti waqt li kien qed isir il-kuntratt in kwistjoni kien karpit b'qerq, theddid u vjolenza kif qed jigi allegat.*

**Kwistjoni**.

L-attur u l-konvenuta Calleja huma mizzewgin u jinsabu fi proceduri ta' separazzjoni. Il-konvenuti l-ohra huma l-genituri tal-konvenuta. L-attur qieghed jimpunja kuntratt li gie ppubblikat fit-22 ta' Marzu 2006 min-nutar Dr Marco Burlo'. Ghal dak il-kuntratt kienu parti l-kontendenti, u fih jinghad li l-konjugi Calleja huma debituri tal-konjugi Sammut ghas-somma ta' Lm21,000:

*"…. Representing an equivalent amount granted on loan brevi manu prior to today by the Creditors to the Debtors."*

L-attur isostni li ffirma l-kuntratt minhabba qerq u vjolenza u li l-flus qatt ma nghataw.

**Konsiderazzjoni**.

1. **Eccezzjoni preliminari**.

**(a)** Ghalkemm il-ftehim oggett tal-kawza hu kuntratt u mhux skrittura, il-fatt li fir-rikors guramentat l-attur semma skrittura ma wassal ghal ebda pregudizzju lill-konvenuti. Fil-fatt mar-rikors guramentat giet mehmuza kopja tal-kuntratt relattiv.

**(b)** Il-fatt li ma saritx talba ghall-hatra ta' nutar biex jippubblika l-att relattiv, mhi ta' ebda konsegwenza. Il-qorti ghandha l-poter li taghti dawk l-ordnijiet li huma mehtiega ghal finijiet ta' ezekuzzjoni tas-sentenza.

**(c)** Ghalkemm fil-premessi ma jissemmiex espressament li l-kunsens tal-attur kien vizjat, dan jissemma fit-talba. Inoltre mill-premessi tar-rikors guramentat jinftiehem li l-attur isostni li l-kunsens kien vizjat.

**(d)** Il-fatt li l-konjugi Calleja ghadhom mizzewwgin ma jfissirx li l-kawza ma tistax tigi proposta. Il-kuntratt gie ffirmat mill-konjugi Calleja matul iz-zwieg. Skond l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili, il-jedd li wiehed

iharrek dwar atti ta' amministrazzjoni straordinarja[1], hu tal-konjugi flimkien. Pero' l-kawza nnifisha m'hijiex wahda mill-atti ta' amministrazzjoni straordinarja li jissemmew fl-Artikolu 1322, fejn hemm lista komprensiva ta' atti ta' dik ix-xorta. Ghalhekk ma jidhirx li japplika l-Artikolu 1323(1) tal-Kodici Civili. Daniela Calleja hi parti fil-kawza u hu evidenti li ma taqbilx mat-tezi tal-attur. Bir-ragunament tal-konvenuti jkun ifisser li l-attur seta jipproponi din il-kawza biss li kieku martu kienet ukoll attrici. Fil-fehma tal-qorti l-posizzjoni li hadet Daniela Calleja m'ghandux itellef lil zewgha mid-dritt li jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens tieghu. Il-kunsens li ttiehed b'allegat vjolenza kien il-kunsens tal-attur. Ghalhekk ghandu nteress bizzejjed li jaghtih dritt li jfittex biex jithassar il-kuntratt. Martu hi parti fil-kawza u kellha kull opportunita li tiddefendi ruhha.

## 2. **<u>Meritu</u>**.

L-attur talab lill-qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara l-iskrittura ippubblikata quddiem in-Nutar Dr Marco Burlo' nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu elfejn u sitta (2006) hija nulla u bla effett stante [li] l-kunsens tal-esponenti ghal iffirmar ta' dina l-iskrittura gie ottenut b'qerq, theddid u vjolenza ai termini ta' Artikolu 974 et seq tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta]".*

Dan hu l-ilment tal-attur u l-qorti trid tiddeciedi fuq dak li talab l-attur.

Fir-rikors guramentat l-attur ippremetta li fil-passat kellu problemi taz-zwieg mal-mara u u f'wiehed mill-argumenti kien spicca aggredit u minnacat mill-konvenut u li:

*"l-uniku mod li kien ser jithalla jidhol u jghix god-dar matrimonjali kien billi l-esponenti jiffirma dina l-iskrittura."*

Din hi r-raguni li ta l-attur ghalfejn iffirma l-kuntratt pubblikat. Isostni li l-kunsens tieghu kien vizjat b'qerq u vjolenza. Dawn iz-zewg vizji ta' kunsens mhumiex kompatibbli ma' xulxin. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana f'sentenza tat-23 ta' Settembru 2004 (numru 19138) osservat:-

*"Ed e', d'altronde, esatto quanto dai giudici del merito rilevato in ordine all'incongruenza e dall'inconciliabilita' della contestuale allegazione, ai fini della domanda di annullamento del contratto, d'una volonta' contemporaneamente viziata da errore, dolo e violenza, allegazione che ridonda in difetto di specificita della domanda in quanto formulata sulla deduzione di causa petendi tra loro incompatibili che si precludono a vicenda."*

[1] Il-kuntratt in kwistjoni hu wiehed mill-atti straordinarji kontemplati fl-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili.

Meta jkun hemm qerq, minhabba l-agir ta' haddiehor il-vittma tkun qeghda tara realta' li mhijiex minnha. Min-naha l-ohra, fil-kaz ta' vjolenza l-vittma taf x'inhi r-realta', u tapprezza li ser ikollha effett negattiv fl-isfera personali u patrimonjali taghha, imma taghti l-kunsens minhabba t-theddid li jkun qieghed jigi ezercitat fuqha. In-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur titratta biss dwar kunsens vizjat minhabba vjolenza, li fih innifsu jeskludi l-qerq.

F'affidavit, l-attur xehed:

*"19. Nghid dina l-iskrittura kelli naghmilha bilfors ghaliex kien inqala' storbju kbir u kieku ma ffirmajtx kienu ser jitfawni 'l barra, minbarra t-theddid l-iehor li sofrejt. Nghid li Daniela u missierha kienu bi qbil u kont naf li qeghdin jaqblu bejniethom li jekk niffirma kont nista' nibqa' nghix fid-dar u jekk le kienet ser taghmel minn kollox biex tehles minni. Jiena nfatti ffirmajt u xorta ghamlet minn kollox biex titfani 'l barra tant li anke rapport foloz ghamlet lill-pulizija."*

In kontro-ezami xehed:

*"Jiena nsostni li l-kuntratt ghandu jaqa' ghax mhux minnu li ghaddiet somma flus ghandi u ghand marti. Jien kelli theddid kbir minghand ta' Sammut. Kemm-il darba nzilna fil-garaxx u jheddidni. Kien heddidni b'armi u anke persunti. Rapport lill-pulizija jiena qatt m'ghamilt. Ilni bl-inkwiet mal-mara ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs. Jiena imma nsostni li fid-dar dejjem bl-inkwiet ghax ommha u missierha dejjem jindahlu.... Wara l-kuntratt jiena ma mortx ghand Burlo' u ftaht qalbi li Sammut kien heddidni..... Iffirmajt ghar-raguni li jien rrid insalva l-familja. Imma mbaghad ma stajtx inkompli bit-theddid.... Qed nigi muri issa kopja tal-ittra ufficjali li bghatt lil Emanuel Sammut u lil Victoria Sammut (Dok. EG1). Mistoqsi kif qatt ma semmejt f'din l-ittra ufficjali li dak il-kuntratt meritu tal-kawza ma jghoddx minhabba theddid u li jien qatt ma nghatajt il-flus, nghid ghax jien u l-avukat konna ghanda qeghdin nahdmu biex nifthu l-kawza."*

Il-presunzjoni hi l-kuntratt pubbliku hu validu. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur. Fis-sentenza **Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo**, (Vol XXIX.II.749) intqal:

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... ... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-gudikant".*

Il-qorti tosserva li:

i. Il-verzjoni tal-attur li kien mhedded m'hijiex korraborata minn xhieda ohra.

ii. L-attur qatt ma ghamel rapport mal-pulizija li l-konvenut kien heddu. Il-qorti ma tifhimx dan l-atteggament meta l-attur qal li kien hemm theddid kontinwu.

iii. L-attur qatt ma mar ghand in-nutar Burlo' u qallu li kien iffirma ghaliex gie mhedded.

iv. Ghalkemm l-attur isostni li l-konvenut hu bniedem vjolenti u ghandu karattru perikoluz, dan il-fatt ma giex korraborat. Meta xehed fil-qorti, qal li kien hemm okkazzjonijiet meta l-konvenut heddu b'armi. Haga tal-iskantament kif dawn l-incidenti, li huma tant rilevanti ghat-tezi tal-attur, ma ssemmewx fl-affidavit. Nuqqas li jdghajjef il-verzjoni tal-attur u jaghti lill-qorti x'tifhem li meta xehed fil-qorti ghamel hiltu biex jonfoh l-istorja.

v. L-attur u martu kienu rcevew ittra ufficjali minghand il-konjugi Calleja. Ikkonsulta ma' avukat, u b'ittra ufficjali tat-3 ta' April 2013 (fol. 530) wiegbu li fil-kuntratt kien hemm terminu sa meta kellu jsir il-hlas u li ma kienx gimgha kif issemma fl-ittra ufficjali li baghatu l-konjugi Sammut[2]. Fl-att ma sar l-ebda accenn li l-kunsens tal-attur kien vizjat. Meta l-attur gie mistoqsi ghalfejn fl-ittra ufficjali ma ssemmiex li l-kunsens tieghu kien vizjat, wiegeb: *"…. ghax jiena u l-avukat konna ghadna qeghdin nahdmu biex nifthu l-kawza."* (fol. 527) Jekk din hi l-verita, il-qorti kienet tistenna li l-attur iressaq bhala xhud lill-avukat biex b'hekk jikkorabora l-verzjoni li ta. Pero' dan ma sarx. F'kull kaz l-ispjegazzjoni li ta mhijiex kredibbli. Jekk hu u l-avukat kienu qeghdin jippreparaw biex jipproponu l-kawza, allura fuq bazi ta' probabilita fl-ittra ufficjali kien jissemma li l-kunsens tal-attur kien vizjat. Il-kredibilita' tal-attur tkompli tidghajjef peress li f'dik l-istess seduta fuq domandi tad-difensur tieghu qal, *"Mistoqsi jekk dakinhar li jiena mort ma' marti Daniela Calleja ghand Dr Sultana jekk jiena semmejtilix li l-kuntratt in kwistjoni hux kuntratt fazul, nghid ma niftakarx."* Dan meta ftit qabel kien qal li kienu qeghdin jahdmu biex jifthu l-kawza. Il-qorti ma tistax tiehu bis-serjeta min jixhed b'dan il-mod legger, iktar u iktar meta tqies li f'dan il-kaz l-attur qieghed jimpunja kuntratt li hu stess iffirma.

vi. Jirrizulta li l-fond matrimonjali, li l-konjugi Calleja taw bhala garanzija fuq il-kuntratt oggett tal-kawza, hu proprjeta tal-attur u martu. Il-qorti ma tarax kif il-konvenut seta hedded lill-attur li jekk ma jiffirmax il-kuntratt kien ser ikeccieh mid-dar matrimonjali. Fil-fatt meta fir-realta' nqala' l-inkwiet fiz-zwieg, l-attur ma tkeccix 'il barra mid-dar matrimonjali. Hu stess xehed li fis-sajf ta' qabel martu riedet tkeccih

[2] Fil-kuntratt jinghad li: *"The Debt together with the relative accrued interest shall be payable by not later than six (6) months from the day that the Creditors shall demand payment thereof by registered mail sent to the Debtors at the above-address."*

mid-dar u *"30. Jiena min-naha tieghi bqajt id-dar u ghidtilha li ma kontx ser nitlaq minn hemm."* (fol. 22). Kompla jghid: *"… u ma tlaqtx ghaliex kont naf illi jekk nitlaq ma nergax jirnexxieli nidhol id-dar kif fil-fatt gara."* (fol. 23). Pero' qal li eventwalment kien telaq mid-dar minn jeddu (fol. 23), verzjoni li l-konvenuti jikkontestaw in kwantu jsostnu li tkecca b'ordni tal-qorti. F'kull kaz il-verzjoni li ta l-attur tistona mal-verzjoni tal-attur li l-konvenut hu persuna vjolenti u li kien jibza' minnu.

vii. M'hemmx provi li fiz-zmien li gie ffirmat il-kuntratt, il-konjugi Calleja kellhom problemi matrimonjali.

viii. Il-qorti semghet lill-attur jixhed u rat ukoll il-komportament tieghu fuq il-pedana u tiddikjara li ma haditx l-impressjoni li l-attur hu tip ta' persuna li jissokkombi ghat-theddid li allega.

ix. L-unika prova li ressaq l-attur hi l-verzjoni tieghu li hi kontradetta mill-konvenut. Hu veru li n-nutar Burlo' xehed li meta gie ffirmat il-kuntratt hass li kien hemm *friction* bejn il-partijiet. Pero' din m'hijiex xi prova li fuq bazi ta' probabilita' tista' twassal lill-qorti biex temmen lill-attur li ffirma l-kuntratt minhabba theddid mill-konvenut. In-nutar stess xehed: *"… il-mod kif nahdem jiena nkun iktar attent biex jien naccerta ruhi illi m'hemmx maniggjar ghaddej. Minn dak li qaluli l-partijiet, minkejja li kien hemm din il-friction, jiena kont kuntent illi nippubblika l-kuntratt."* (fol. 33).

x. L-attur xehed: *"Illi din l-iskrittura jiena kont iffirmajta sabiex naghlaqlu halqu u sabiex ma jkeccinix mid-dar tieghi."* (fol. 20). Ladarba l-fond li fuqu nghatat il-garanzija hu proprjeta tal-konjugi Calleja, il-qorti ma tifhimx kif il-konvenut seta' qatt ikecci lill-attur.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur semma wkoll li self qatt ma sar. F'dan ir-rigward qal li qatt ma gie ppruvat li s-self sehh. Il-qorti tosserva li l-kuntratt hi prova bizzejjed li s-self sar. Kien l-obbligu tal-attur li jressaq prova konvincenti li juru mod iehor. Dwar dan l-attur qal:

i. Hu mprobabbli li somma ta' Lm21,000 inghatat meta tqies li l-konvenut qal li kellu din is-somma d-dar. Dan hu argument li fil-fehma tal-qorti ma jregix in kwantu bazat fuq supposizzjoni u xejn iktar. Il-konvenut xehed mod iehor.

ii. Hu mprobabbli li dik is-somma inzammet id-dar tal-konjugi Calleja u ntuzat biss fis-sena 2011. Meta ntuzat m'hijiex xi haga li tikkoncerna lill-konvenuti Sammut.

iii. Li hu u martu kellhom flus, b'mod partikolari fil-kont bankarju tal-konvenuta. Ghalhekk ma kellhomx bzonn il-flus tal-konvenuti Sammut sabiex ikabbru n-negozju. Fil-kors tas-smiegh tal-provi gew ezebiti diversi rendikonti ta' kontijiet bankarji f'isem il-konjugi Calleja jew xi hadd minnhom. Wara li l-qorti fliet dawn id-dokumenti tikkonkludi li ma

jirrizultax li fi zmien tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt kien hemm xi kwantita ta' flus depozitati, kif jalludi l-attur.

iv. L-atturi hadu s-somma ta' Lm90,000 meta l-Gvern introduca l-iskema li s-biha s-sidien ta' xarabanks ittrasferewhom lill-Gvern. M'hemmx prova li l-atturi rcevew dik is-somma fl-istess zmien li gie ppubblikat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu.

**Konkluzjoni**: l-attur ma lehaqx il-grad ta' prova rikjest sabiex jottjeni dak li talab fir-rikors guramentat. F'dawn il-proceduri qieghed jigi mpunjat kuntratt pubbliku li fih innifsu hu prova tal-kontenut tieghu, u sabiex l-attur jirnexxi kien hemm bzonn li jressaq provi cari u li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant. Cirkostanzi li m'hemmx fil-kaz in ezami.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, b'dan li ghandhom jaghmlu tajjeb ghal 5% tal-ispejjez taghhom.**

2. **Tilqa' l-eccezzjoni fil-meritu u tichad it-talba tal-attur. L-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tieghu u l-kumplament tal-ispejjez tal-konvenuti.**

Anthony Ellul.